# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*M. G.* (Sliema) Staqsejtna jekk hux sewwa li wieħed jikteb: *X'inhu? Kif inhu?* — Naħseb li hu ħażin tikteb hekk. Għandek tikteb: *Xin hu*, jew *xinhu*, *Kifin hu* jew *Kifinhu*.

Il-kelma *xinhu* hi magħmula minn żewġ kelmiet: minn *xiń* u minn *hu*. Il-kelma *xin* twieġeb għall-kelma taljana *cosa*.

Din il-kelma tiġi li fil-malti titfisser bil-kelmiet *xi* u *iex* (âx). eż: *Xi tgħidli? Fuqiex bi ħsiebek titkellem?*— Il-partiċella *xin*, fil-malti, tmur mal-pronomi *hu*, *hi* jew *huwa*, *hija*. Hekk ukoll issibha fil-għarbi (Tripli). eż: *axinhuwa*, *axinhija*, *axinhu*, *axinhi*, barra milli ssibha wkoll fi qwiel bħal dawn: *Axen smagħt? (xi smajt). Qulli xin dûtak (Għidli xi ġralek).* Għalhekk jagħmel ħażin min jikteb *x'inhu* għaliex *in* hija biċċa minn *x* u mhux minn *hu* li hu l-pronom *hu* u mhux il-kelma *inhu*.

Dak li għedna fuq *xînhu* nistgħu ntennuh għall-kelma *kifinhu*. Dil-kelma hi magħmula minn tnejn: minn *kifen* u minn *hu*. Flok *kifen* ngħidu wkoll *kif*. eż: *Kif jiena, kif inti, kif aħna, kif intom.* Fil-għarbi (Tripli) il-kelma *kifen* tmur quddiem il-pronomi mnisslin kollha eż: *Kifen-ni, kifenn-ak, kifennhu, kifen-hûwa, kifen-hi, kifen-na, kifen-kum, kifen-hum;* waqt li fil-malti l-kelma sħiħa ta' *kifen*, tmur u tingħaqad biss quddiem il-pronom singulâr u plurâl, maskil u femminil tat-tielet persuna. Eż: *kifinhu, kifinhi, kifinhuma.* La darba kif rajna l-in ta' *kifen* mhix biċċa mill-pronom, għandna niktbu sewwa: *kifinhu* u mhux *kif inhu*.

A. C.

## F'*AUTOGRAPH*

Xi ħlewwa toqgħod ħiemed taħt is-sigar
bil-ħsieb mitluf fil-beraħ minn tal-ħajja,
u tħares bla ma tara,
u tisma' bla ma tifhem,
'ma toħlom illi ruħek tielgħa s-sema!

20-9-26

S.

# *BIBLIJOGRAFIJA*

Pronostcu Malti Għas-Sena 1927. *Concors ta' Poesiji*—Giov. Muscat Valletta Malta.

Għar-raba' sena, is-sur Muscat għoġbu jiftaħ konkors għall-poeżiji bil-malti biex iġibhom fil-pronostku tiegħu. Ma hemmx għal fejn ingħidu kemm hi sabiħa u ta' fejda din il-ħaġa u kemm ta' mîn jagħmillu l-qalb, lis-sur Muscat, għal snin oħra. Konkorsi bħal dawn iħajru lil kullħadd, u l-iżjed liż-żgħażagħ, li, fil-ħin li jitgħallmu l-letteratura ta' ilsna barranija, ma jħallux dik ta' art twelidhom.

Mela, nagħirblu ftit il-poeżijiet li kien fih, din is-sena, il-Pronostcu u l-iżjed naraw kif ġie maqtugħ il-konkors.

Minn dawk il-poeżijiet li ġew stampati, jidher li ma kienx hemm wisq mnejn tagħżel, għax it-tajbin kienu ftit. Għad li l-kitba kienet imżewqa, rajna li ħafna għażlu "Tifħir lil Malta" u mhux biss dan, iżda, tista' tgħid, bl-istess ħsebijiet, waqt li tnejn għażlu "L-Imħabba". Jidhrilna li l-kitba fuq din, sa kemm hi miżmuma bis-sengħa, ma hix ta' min iwarraba.

Fraħna xħin rajna li l-ortografija tagħna mxiet sewwa f'dan il-konkors. L-ewwel ħamsa huma miktuba b'ortografija hekk tajba li bil-kemm stajna nsibulhom żball wieħed: l-istess xi wħud milli ma ħadux premju. Dan jagħmel ġieh kbir lill-*Għaqda* tagħna u ġġagħilna nittamaw li l-ortografija tagħna ma ddumx ma tkun magħrufa u maħduma minn kull kittieb tajjeb tal-malti.

Niġu għall-għażla. Il-għażla hi dejjem ħaġa tqila u wisq iżjed f'konkors bħal dan. li kien fih ħafna suriet ta' soġġetti u ta' versi. Fuq kollox jidhrilna li l-għażla tiegħu kienet tajba ħafna, għad illi *Krobna*, *Xbin* ta' X.X.X. setgħet kienet mogħżuża xi ftit aħjar, kif ukoll is-sitt waħda ma tantx taqta' mal-ħamsa l-oħra! Kullħadd ra: l-ewwel erbgħa kienu tassew ħaqqhom premju għax ma fihomx xi tmaqdar! Fost dawk li ma ħadux premju hemm xi wħud ta' min iqawwilhom qalbhom, iżda hemm xi wħud li ma nafux għax ġew biss stampati.

Issa ngħidu xi ħaġa fuq dawk li l-iżjed laqtuna, insemmgħuhom, waħda wara l-oħra, kif ġew stampati.

*Għanja lil Malta* ta' S. A. C.—Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn ma tistâx ma tintebahx li l-istîl hu waħdu tal-Mons. Dun Karm Psaila, u jidher li S. A. C. studjah ħafna; mhux biss fil-versi iżda wkoll fil-għidud. B'dana kollu l-poeżija sabiħa ħafna.